MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru. 999/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**
**vs**
**Guido Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Guido Agius ta’ 55 sena bin Carmel u Andreana nee’ Agius, imwieled Hal-Ghaxaq fl-24 ta’ Gunju 1953 u residenti f’ 82, Triq il-Gudja, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 462553(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ Awwissu 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **C & F Building Contractors**, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu ;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **C & F Buliding Contractors.**

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi meta kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz.

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghat taghmel hsara il xi persuna jew iggib utli u ghamel uzu minnha.

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

B’ hekk huwa Guido Agius, kiser il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur u dan b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta’ Gunju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Sar recediv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b' diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta' Awwissu 2009 (esebita a fol. 85 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikoli 18, 185(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-artikoli 18, 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) Fl-artikoli 18, 187(1), 187(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) Fl-artikoli 18, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat kien impjegat bhala foreman mas-socjeta’ C&F Building Contractors Limited mit-18 ta’ Lulju 2007 u parti minn xogholu kien li jipprepara it-time sheets jew attendance sheets fuq il-lant tax-xoghol u mbaghad jghaddihom l-accounts section tal-kumpanija sabiex jinhargu il-pagi. Meta kienu jinhargu pagi dawn kienu jinghataw lill-imputat ga imqassmin f’envelopes individwali, u uhud minnhom bi flus kontanti, sabiex huwa imbaghad jghaddihom lill-haddiema li jkun indika fit-time sheets. Fit-22 ta’ Lulju 2008 il-perit tal-imsemmija socjeta’, Catherine Caruana[1], ghamlet spezzjoni fuq il-lant tax-xoghol fuq is-sit ta’ kostruzzjoni ta’ St’ Vincent De Paule fejn kien qed jiehu hsieb ix-xoghlijiet l-imputat u hadet lista tal-haddiema li sabet fuq il-lant tax-xoghol. C&F Building Contractors Limited jallegaw li hemm madwar disa’ haddiema li gew indikati mill-imputat fuq it-time sheet ta’ dakinhar li ma kienux fuq il-lant tax-xoghol. Id-diretturi ta’ C&F Building Contractors Limited ghalhekk iddecidew li fl-1 ta’ Awissu 2008 ma jghaddux il-pagi sabiex jitqassmu lill-imputat izda li minflok iqassmuhom huma direttament u gie nnutat li seba’ pagi ma gewx migbura. C&F Building Contractors Limited iddecidew li jitterminaw l-impjieg tal-imputat u ghamlu rapport mal-Pulizija fejn allegaw li l-imputat kien immisaproprija s-somma ta Lm21, 573[2] u huma waslu ghal dan l-ammont billi raw il-perijodu globali ta’ kemm kien ilu mpjegat maghhom l-imputat, raw kemm kien thallas bhala pagi ghall-impjegati li kienu jaqghu taht l-imputat, li kien jammonta ghas-somma ta’ Lm45,261 u imbaghad raw kemm fil-fatt huwa kellu bzonn haddiema u waslu ghall-figura imsemmija. Is-socjeta’ C&F Building Contractors Limited qed tallega li fuq il-lant tax-xoghol qatt ma kien hemm aktar minn seba’ haddiema mentri l-imputat kien jindika madwar erbatax-il haddiem.

L-imputat meta gie interrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija li tinsab inserita a fol. 23 sa 25 tal-atti processwali

[1] Li xehdet waqt l-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 2008 u esebiet il-lista tal-impjegati li kienet sabet fuq il-lant tax-xoghol meta daret is-site akkompanjata mill-imputat.
[2] Ara dokument inserit a fol. 32 tal-atti processwali x-xhieda ta’ Rendall Schembri a fol. 33 sa 35 tal-process li spjega kif wasal ghal dan l-ammont.

ikkonferma li kien jahdem bhala foreman mas-socjeta' C&F Building Contractors Limited u li kull hmistax-il gurnata, nhar ta' Gimgha, kien imur Louis mill-accounts jghaddilu il-pagi sabiex huwa imbaghad iqassamhom lilll-haddiema li kienu jaqghu tahtu. Huwa ikkonferma wkoll li l-pagi kienu jinhadmu abbazi tat-time sheets li kien jimla' huwa stess kull gimgha. Huwa jghid li fuq it-time sheet kien ikun hemm l-ismijiet tal-haddiema lesti u huwa kull ma kien jaghmel kien li jnizzel is-sighat li kienu hadmu u jaghmel notament jekk ikunu assenti jew ma jifilhux. Huwa qal ukoll li f'kaz ta' haddiem gdid li ma jkunx imnizzel fuq il-lista kien inizzel ismu hu (l-imputat). Huwa qal ukoll li l-parti l-kbira tax-xoghol li kien involut fih huwa kien fuq is-sit ta' St' Vincent De Paule u qal li kien ikollu haddiema kemm Maltin kif ukoll barranin u li l-barranin kienu jkunu Serbi u minn pajjizi Afrikani. Meta gie mistoqsi specifikatament sabiex jispjega kif fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kien hemm disa' 'envelopes tal-pagi li ma ngabrux mill-haddiema koncernati u li huwa kien inidka fuq it-time sheets huwa rrisponda li gieli kien ikun hemm haddiema li kienu jittiehdu minn foremen ohra fuq struzzjonijiet ta' Frank Schembri id-direttur ta' C&F Contractors Limited u qal ukoll li fuq il-lant tax-xoghol gieli kellu madwar ghoxrin haddiem. Meta mistoqsi dwar zewg impjegati Afrikani partikolari li kienu qed jidhru fuq il-lista u zewg impjegati Serbi li wkoll ma gabrux il-pagi taghhom huwa qal li l-Afrikani probabilment harbu minn Malta u s-Serbi kienu telqu dik il-gimgha stess. Meta mistoqsi dwar il-gurnata li saret l-ispezzjoni mill-Perit Catherine Caruana huwa qal li jista' jkun li dakinhar kien baghat xi haddiema sabiex iwittu il-hamrija fuq parti ohra tas-sit skond kif mitlub mill-Perit tal-Gvern Frank Muscat. L-imputat cahad li kien zamm is-somma ta' madwar Lm21,500 ghalih mill-ammont li l-kumpanija kienet ghaddietlu sabiex iqassam lill-haddiema bhala pagi.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3] fejn rega' innega lli huwa kien zamm xi flus mghoddija lilu mill-employer tieghu sabiex jghaddihom lil terzi bhala pagi dovuti lilhom. Huwa rega' irribadixxa dak kollu li kien qal fl-

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita afol. 105 sa 122 tal-atti processwali

istqarrija u spjega b’mod aktar dettaljat dak li kien jaghmel fuq il-lant tax-xoghol, il-mod kif kienu jinhadmu t-time sheets u l-mod kif kienu jigu assenjati lilu l-haddiema mid-direttur Frank Schembri.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-Avukat Generali fin-nota tieghu datata 17 ta’ Awissu 2009 indika li jidhirlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fost ohrajn fl-Artikoli 293, 294, 308, 309, 310, 185, 186,187 u 189 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-imputat jinsab addebitat bl-imputazzjonijiet ta’ misaproprijazzjoni, truffa, frodi nnominata, u falsifikazzjoni. Irid jinghad mal-ewwel li l-imputazzjonijiet ta’ falsifikazzjoni inghataw bhala alternattiva ghal dawk ta’ misaproprijazzjoni u truffa. Mill-atti processwali jirrizulta li l-investigazzjonijiet li mbaghad waslu sabiex inhargu l-imputazzjonijiet odjerni inbdew wara li s-scojeta’ C&F Building Contractors irrapurtat lil Pulizija is-suspetti li kellha dwar il-fatt li l-imputat kien qed jindika fuq it-time sheets haddiema li effettivament ma kienux qed ikunu fuq il-lant tax-xoghol, u kienu ghalhekk fittizji, u kien qed jiehu l-pagi dovuti lilhom u jzommhom ghalih. Il-Qorti taqbel pjenament ma dak sottomess mid-Difiza li f’dan il-kaz jirrizultaw biss suspetti u xejn aktar ghaliex ma ngabet l-ebda prova li tindika lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat effettivament kien qed jaghmel dak allegat mill-employer tieghu. Il-Qorti ma tistghax ma tikkummentax dwar il-mod approssimattiv li bih gie kkumpilat id-dokument esebit a fol. 32 tal-atti processwali fejn gie indikat l-ammont li l-imputat allegatament zamm ghalih meta indika impjegati fittizji. Minn dan id-dokument u mill-ispjegazzjoni moghtija mill-persuna li fil-fatt hejja dan id-dokument, u cioe’ Rendall Schembri, jirrizulta li l-kumpanija rat it-time sheets li kien jikkonsenja l-imputat sabiex jinhargu l-pagi, rat l-ammont li kienet hallset bhala pagi ghall-impjegati li kienu jidhru f’dawn it-time sheets, iddecidiet li certu numru ta’ mpjegati ma kienux rikjesti jew necessarji ghal dak ix-xoghol li kien inkarigat jissorvelja l-imputat f’dak il-perijodu u mbaghad indikat li allura dak l-ammont zejjed li kien thallas kien gie misapproprijat mill-imputat. Huwa pjuttost evidenti li din il-

prova l-anqas tista' titqies li twassal ghal grad tal-probabbli ahseb u ara sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni rikjest fil-kamp kriminali. F'dawn il-proceduri kellha tingieb il-prova ta kemm kien l-ammont li thallas lill-impjegati indikati mill-imputat fit-time sheets minnu sottomessi u imbaghad kellu jigi ndikat b'mod preciz min kienu l-haddiema li effettivament ma kienux fuq il-lant tax-xoghol li ghalhekk il-pagi taghhom ma kellhomx jithallsu. Din il-prova setghat facilment issir billi s-socjeta' C&F Building Contractors Limited tipproduci dokumenti ufficjali li hija obbligata skond il-ligi li tissottometti lill-awtoritajiet koncernati dwar il-bidu u tmiem tal-impjegati taghha u ghalhekk jekk hija qed tallega per ezempju li z-zewg haddiema ta' nazzjonalita' Serba kienu ilhom li waqfu mill-impjieg ghal diversi xhur izda isimhom baqa jigi indikat fuq it-time sheets mill-imputat hija setghat tipproduci ic-certifikat ta' terminazzjoni tal-impjieg taghhom bhala prova fir-rigward.

Dwar il-prova l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' C&F Building Contractors Limited fil-konfronti tal-imputat u cioe' x-xhieda tal-Perit Catherine Caruana u d-dokument minnha esebit li jindika il-haddiema li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol il-Qorti wkoll jidrilha li tali prova ma tindikax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ghal dik it-tali gurnata kien indika impjegati fuq it-time sheet li ma kinux prezenti fuq il-lant tax-xoghol. Il-prova f'dan ir-rigward kellha tkun indikazzjoni mill-Perit Caruana fuq it-time sheet jew attendance sheet li kien hejja dakinhar l-imputat tal-haddiema li kienu qed jigu indikati u li rrizulta li ma kienux prezenti.

Il-Qorti jidrilha li s-socjeta C&F Building Contractors Limited ma ssostanzjat bl-ebda mod l-allegazzjonijiet taghha fil-konfronti tal-imputat ghaliex hija naqset milli tipproduci provi konkreti u konklussivi li jindikaw li dak minnha allegat kien fondat u ma ghalhekk ma poggitx lill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz f'posizzjoni li tista' tipprova l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------